# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Chairman: Mr John Bencini B.A.(Hons)Lic.Phil., M.O.M.

Decizioni Preliminari Nru. 2856

Kaz Nru: 4052/JB

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:

DSM

u

Augustea Technoservices Ltd (C 81536)

It-Tribunal:

Ra r-Rikors promutur ta' DSM

Ra r-Risposta ta' Augustea Technoservices Ltd;

Sema' l-partijiet jittrattaw l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati Augustea Technoservices Ltd.;

Ra s-sottomissonijiet ulterjuri miltuba minnu lill-partijiet;

Ra l-Atti u d-dokumentazzjoni kollha tal-kaz;

Ikkunsidra:

It-Tribunal fela' u studja bir-reqqa l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Kumpanija intimata u ssottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-partijiet fuq talba tal-istess Tribunal. Dan minhabba li dan il-kaz fih element internazzjonali li t-Tribunal ried jivvaluta sew sabiex fl-ewwel lok jiddetermina il-gurisdizzjoni tieghu u konsegwentament, jekk ghandu gurisdizzjoni, jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari fid-dawl tal-ordinament guridiku taghna u l-qafas legislattiv tal-Unjoni Ewropeja.

Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal ikkunsidra l-fatti kollha rilevanti tal-kaz, jiddikjara illi ghandu gurisdizzjoni biex jisma' l-kaz.

In kwantu ghall-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Kumpanija intimata illi t-Tribunal ghandu jissospendi l-proceduri sakemm tigi deciza kawza li r-rikorrent fetah fil-Grecja, it-Tribunal ikkonsidra illi ghalkemm l-istess rikorrent ressaq kawza fil-Grecja, il-kawza fil-Qorti Griega mhix kontra l-istess entita' guridika u mhix tal-istess kawza ta' azzjoni li ressaq quddiem it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li ghandu gurisdizzjoni li jisma' l-kaz, jiddeciedi illi jirrispingi l-eccezzjoni tal-Kumpanija intimata u jordna l-prosegwiment tal-kaz.

Illum : 7 ta' Ottubru, 2022

Iffirmat : Is-sur John Bencini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja